REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1101

tat-3 ta' Awwissu 2018

li jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni extraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni extraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha ([1]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2271/96 jipprovdi protezzjoni kontra u jikkumbatti l-effetti illegali tal-applikazzjoni extraterritorjali ta' xi liġijiet elenkati, inklużi regolamenti u strumenti leġiżlattivi oħra adottati minn pajjiżi terzi, u ta' azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom, fejn din l-applikazzjoni taffettwa l-interessi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi imsemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament involuti fil-kummerċ internazzjonali u/jew fil-moviment tal-kapital u f'attivitajiet kummerċjali relatati bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2271/96 jirrikonoxxi li dawn il-liġijiet, inklużi regolamenti u strumenti leġiżlattivi oħra, permezz tal-applikazzjoni extraterritorjali tagħhom, jiksru l-liġi internazzjonali.

(3) Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96, il-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament m'għandhomx jikkonformaw direttament jew permezz ta' persuna intermedjarja oħra, attivament jew b'omissjoni deliberata ma' kwalunkwe ħtieġa jew projbizzjoni, inklużi talbiet ta' qrati barranin ibbażati fuq jew li jirriżultaw minn liġijiet bħal dawn jew minn azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom.

(4) Madankollu, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 jippermetti lill-persuni msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament biex jitolbu awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni sabiex jikkonformaw bis-sħiħ jew parzjalment ma' ħtieġa jew projbizzjoni bħal din sal-punt li jekk dan ma jsirx jkun ta' dannu serju għall-interessi tagħhom u dawk tal-Unjoni.

(5) Biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali, kif ukoll biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 filwaqt li jitqies, f'ċirkostanzi speċifiċi u ġustifikati, ir-riskju ta' dannu serju għall-interess ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-kriterji għall-applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96

(6) B'ħarsa lejn ir-rwol tal-Kummissjoni li tissorvelja l-implimentazzjoni uniformi tal-liġi tal-UE li tinkludi r-Regolament (KE) Nru 2271/96, il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-applikazzjoni tar-Regolament preżenti u tadotta kwalunkwe adattament meħtieġ skont il-valutazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tiegħu.

(7) Għandhom jiġu stabbiliti wkoll il-passi ewlenin tal-proċedura wara l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tikkonforma kompletament jew parzjalment ma' rekwiżit jew projbizzjoni bħal dawn.

(8) Kwalunkwe pproċessar ta' *data*personali ta' persuni fiżiċi skont dan ir-Regolament għandha tirrispetta r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(9) Applikazzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom jikkonċernaw azzjonijiet jew omissjonijiet ibbażati fuq jew li jirriżultaw direttament jew indirettament mill-applikazzjoni tal-liġijiet speċifikati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 jew azzjonijiet ibbazati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom.

([1]) ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*(ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(10) L-ipproċessar tal-applikazzjoni għandu jsir malajr kemm jista' jkun.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni Extraterritorjali u ġew adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament u tal-Kunsill ([1]).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5, it-tieni paragrafu tar-Regolament (KE) Nru 2271/96.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata" tfisser il-liġijiet, regolamenti jew strumenti leġiżlattivi oħra speċifikati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2271/96, inklużi regolamenti u strumenti leġiżlattivi oħra bbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom;

(b) "azzjonijiet sussegwenti" tfisser azzjonijiet ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew li jirriżultaw minnha;

(c) ("nuqqas ta' konformità" tfisser nuqqas ta' konformità b'azzjonijiet diretti jew omissjonijiet deliberati ma' rekwiżit jew projbizzjonijiet, inklużi talbiet ta' qrati barranin, ibbażati fuq jew li jirriżultaw, direttament jew indirettament, mil-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew minn azzjonijiet sussegwenti;

(d) "interess protett" tfisser l-interess ta' kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96, jew tal-Unjoni jew tat-tnejn li huma;

(e) "applikant" tfisser kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 li tapplika għal awtorizzazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96.

Artikolu 3

Preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet

1. L-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96 għandha tiġi ppreżentata bil-miktub lil:

European Commission
Service for Foreign Policy Instruments
EEAS 07/99
B-1049 Brussels, Belgium
EC-AUTHORISATIONS-BLOCKING-REG@ec.europa.eu

2. L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant, jindikaw id-dispożizzjoni preċiża tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew l-azzjoni sussegwenti involuta, u għandha tiddeskrivi l-ambitu tal-awtorizzazzjoni li tkun qed tintalab u d-dannu li tkun ikkawżata min-nuqqas ta' konformità.

3. Fl-applikazzjoni tagħhom l-applikanti jridu jipprovdu biżżejjed evidenza li n-nuqqas ta' konformità jikkawża dannu serju lil mill-inqas interess protett wieħed.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

4. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' titlob kjarifika addizzjonali lill-applikant, li għandu jipprovdiha fi żmien perjodu raġonevoli stabbilit mill-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni Extraterritorjali malli tirċievi l-applikazzjonijiet.

Artikolu 4

Valutazzjoni tal-applikazzjonijiet

Meta tevalwa jekk jistax ikun hemm dannu serju lill-interessi protetti msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2271/96, il-Kummissjoni fejn xieraq għandha tikkunsidra, *inter alia* l-kriterji mhux kumulattivi li jmiss:

(a) jekk l-interess protett huwiex probabbli li jkun f'risjku speċifiku, skont il-kuntest, in-natura u l-oriġini tad-dannu lill-interess protett;

(b) l-eżistenza ta' investigazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja li għaddejja, flimkien mal-formola tal-applikant, jew ftehim minn qabel ta' riżoluzzjoni mal-pajjiż terz li huwa l-oriġini tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata;

(c) l-eżistenza ta' konnessjoni sostanzjali mal-pajjiż terz li hija l-oriġini tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew l-azzjonijiet sussegwenti; perezempju l-applikant ikollu l-kumpaniji omm jew is sussidjarji, jew parteċipazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi suġġett għall-ġuriżdizzjoni primarja tal-pajjiż terz li hija l-oriġini tal-leġiżlazzjoni extraterritorjali elenkata jew l-azzjonijiet sussegwenti;

(d) jekk il-miżuri jistgħux jittieħdu b'mod raġonevoli mill-applikant biex jevitaw jew itaffu d-dannu;

(e) l-effett kuntrarju fuq it-twettiq tal-attività ekonomika, b'mod partikolari jekk l-applikant jaffaċċax telf ekonomiku sinifikanti jew le, li pereżempju jista' jhedded il-vijabilità tiegħu jew ikun ta' riskju serju ta' falliment;

(f) Jekk l-attività tal-applikant tispiċċax eċċessivament diffiċli minħabba telf ta' inputs jew riżorsi essenzjali, li ma jistgħux jiġu sostitwiti b'mod raġonevoli.

(g) jekk it-tgawdija tad-drittijiet individwali tal-applikant tkunx imxekkla b'mod sinifikanti;

(h) jekk ikun hemm theddida għas-sikurezza, is-sigurtà, il-protezzjoni tal-ħajja u s-saħħa umana u l-protezzjoni tal-ambjent;

(i) jekk ikun hemm theddida għall-kapaċità tal-Unjoni li twettaq il-politiki umanitarji, ta' żvilupp jew ta' kummerċ tagħha, jew l-aspetti esterni tal-politiki interni tagħha;

(j) is-sigurtà ta' forniment ta' oġġetti jew servizzi strateġiċi fi ħdan jew għall-Unjoni jew Stat Membru u l-impatt ta' kwalunkwe nuqqas jew tfixkil għal din;

(k) Il-konsegwenzi għas-suq intern f'termini ta' moviment liberu ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital, kif ukoll stabilità finanzjarja u ekonomika jew infrastrutturi ewlenin tal-Unjoni;

(l) l-implikazzjonijiet sistematiċi tad-dannu, b'mod partikolari fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tiegħu f'setturi oħra;

(m) l-impatt fuq is-suq tal-impjiegi ta' Stat Membru jew ta' diversi Stati Membri u l-konsegwenzi transfruntiera tiegħu fl-Unjoni;

(n) Kwalunkwe fattur rilevanti ieħor.

Artikolu 5

L-eżitu tal-applikazzjoni

1. Jekk il-Kummissjoni, wara li tkun tlestiet il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, ssib biżżejjed evidenza li n-nuqqas ta' konformità jikkawża dannu serju għall-interessi tal-applikant jew tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta minnufih lill-Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni Extraterritorjali abbozz ta' deċiżjoni li jkun fiha l-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu.

2. Jekk, wara li tkun tlestiet il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni ma ssibx biżżejjed evidenza li n-nuqqas ta' konformità jikkawża dannu serju għall-interessi tal-applikant jew tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kumitat dwar il-Leġiżlazzjoni Extraterritorjali abbozz ta' deċiżjoni li tkun tirrifjuta l-applikazzjoni.

3. Id-Deċiżjoni finali għandha tiġi nnotifikata mill-Kummissjoni lill-applikant mingħajr dewmien.

Artikolu 6

Ipproċessar ta' *data*

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-*data* personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament.

2. Kull proċessar ta' *data* personali għandu jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, is-Servizz tal-Politika Barranija huwa mfassal bħala "kontrollur" għall-Kummissjoni skont is-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi kkonċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER